MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Numru. 738/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**vs**

**Joseph Bondin**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Joseph Bondin, 21 sena, bin Nazzareno u Rita nee' Corso, imwieled Pieta fis-17/11/1982, residenti 73, Triq San Gorg, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita numru 625782M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

U nakkuzah talli fl-20 ta' Lulju, 2004 ghall-habta tas-6.00p.m. gewwa Bormla :

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li jkun jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, bi ksur tal-Art 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Akkuzat ukoll talli fixkel lill-pulizija milli jesegwixxi mandat ta' arrest mahrug minn awtorita kompetenti ohra bi ksur tal-Art 355AG(1) u 359(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihx jew fixklu waqt li kienu qeghdin jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jistghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun, bi ksur tal-Art 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli volontarjament fl-istess cirkustanzi, b'xi mod li jkun, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat, bi ksur tal-art 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar akkuzat talli fil-21 ta' Lulju 2004 ghall-habta tat-7.45a.m. gewwa Bormla saq vettura Skoda HAT432, bi ksur tas-sinjal li juri li m'hemmx dhul (dhul kontra il-one way), bi speed eccessiv, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;

6. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi hedded lil PS 1177 C. Bonello, PC 85 C Butters, u lil PC 1496 G Farrugia, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dak is-servizz bil-hsieb li ibezzahhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

7. Kif ukoll talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Mag. Dr A. Mizzi LL.D.) fit-22/03/2002 u 01/07/2002;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Settembru, 2004 (esebit *a folio* 9 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-20 ta' April, 2005 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semgaht it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Dfiza.

Ikkunsidrat:

Ill l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw zewg incidenti separati li sehhew fl-20 ta' Lulju 2004 u fil-21 ta' Lulju 2004 rispettivament u jirrivolvu madwar ezekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest mahrug minn din il-Qorti kif diversament presjeduta. In kwantu jirrigwarda l-incident tal-20 ta' Lulju 2004 l-imputat qed jigi akkuzat li rrezzista bi vjolenza jew b'hebb li ma titqiisx bhala vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata minn servizz pubbliku, u cioe' l-Pulizija li alllegatament marru sabiex jesegwixxu l-Mandat ta' Arrest. Huwa qed jigi akkuzat ukoll talli fixkel lil Pulizija Ezekuttiva fl-esekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest, talli m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn persuna inkarigata minn servizz pubbliku u talli fl-istess cirkostanzi kiser il-buon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied. In kwantu jirrigwarda dawn l-akkuzi il-Prosekuzzjoni resqet xhud wiehed u cioe' lil PC 85 Cyril Butters li xehed waqt l-udjenza tal-20 ta' April 2005 fejn huwa rrefera ghall-incident li sehh fl-20 ta' April 2004 u mhux ghal incident li sehh fl-20 ta' Lulju 2004 kif jindikaw l-akkuzi. In vista tal-fatt li l-Prosekuzzjoni ma respet ebda xhud iehor sabiex jispjega l-allegat komportament u agir tal-imputat fl-20 ta'

Lulju 2004 il-Qorti jidrilha li jezisti dubju ragjonevoli dwar jekk fl-20 ta’ Lulju 2004 effettivament sehhx xi ncident mal-Pulizija jew jekk dan sehhx fl-20 ta’ April 2004 kif xehed PC65 dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-imputat. In vista ta’ dan il-fatt l-imputat ser jigi ddikjarat mhux hati tal-ewwel erba’ imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-hames u s-sitt imputazzjoni jirreferu ghal incident li sehh fil-21 ta’ Lulju 2004 fejn l-imputat qed jigi akkuzat li saq il-vettura Skoda HAT 432 kontra l-One Way, bi speed eccessiv, b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni jew b’mod perikoluz, kif ukoll li hedded lil PS1171, PC85 u PC1494 persuni nkarigati minn servizz pubbliku waqt l-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz. Dwar dan l-allegat incident il-Prosekuzzjoni produciet bhala xhud lil PC196 Godwin Farrugia li xehed waqt l-udjenza tas-27 ta’ Frar 2009 fejn huwa qal li fil-21 ta’ Lulju 2004 ghalll-habta tas-7.45am marru fir-residenza tal-imputat fi Triq San Gorg, Bormla u sabu lil-imputat fuq il-post fil-vettura tieghu u meta huma qalulu sabiex imur maghhom ghaliex kellu l-Qorti dakinhar huwa rrisponda li kien ser jitla’ minn jeddu u meta l-Pulizija pruvaw jisfurzawh sabiex imur maghhom huwa qabad u dar bil-vettura tieghu u ghadda kotnra l-One Way. Il-Pulizija pruvaw jigru warajh izda ma rnexxilhomx iwaqfuh. Dan ix-xhud qal li l-imputat saq bi speed daqxejn eccessiv u spjega li l-imputat qalilhom li kien ser ikellem lil Prim Ministru. Dwar dan l-kliem il-Qorti jidrilha li l-istess kliem ma jistghax jitqies li jammonta bhala theddid fil-konfronti ta’ PC1496. Irid inoltre jigi rilevat li filwaqt li s-sitt imptuazzjoni tirreferi wkoll ghal PC85 u PS1177 hadd minnhom ma xehed dwar l-incident tal-21 ta’ Lulju 2004 sabiex jispjega x’kien il-kliem ta theddid adoperat mill-imputat fil-konfronti taghhom. Dwar is-sitt imputazzjni l-Qorti jidrilha li mix-xhieda ta’ PC 1496 jirrizulta biss li l-imputat saq kontra l-One Way u bi speed daqxejn eccessiv izda mhux bla kont u b’mod perikoluz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat ir-Regolamenti 2 tal-L.S.65.05 kif ukoll ir-Regolament 127 tal-S.L.65.11 il-Qorti ssib ssib lill-imputat hati tal-hames imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu izda limitatament in kwantu jirrigwarda sewqan kontra l-One Way u sewqan eccessiv u tikkundannah multa ta’ mija u hamsin Ewro (€150). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------